MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 461/2013

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Settembru 2002 (Vide Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li jismu David u li ghandu minorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela tat-30 ta' Marzu 2010 (Vide Dok B anness) izda ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u anke ffurmaw rabtiet ma persuni ohra;

Illi m'hemm ebda manteniment dovut lil CD stante li ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett hija irrinunzjat mid-dritt illi titlob u/jew tircievi manteniment minghand Francois Mifsud Wismayer minn wara id-data tal-31 ta' Dicembru 2010, filwaqt li lanqas hemm kwistjoni ta' manteniment tal-minuri stante li dan qed jithallas mir-rikorrenti AB kif stipulat fl-istess kuntratt;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija li din il-Qorti :

(a) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju / hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jgi debitament registrat skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit- 30 ta' Marzu 2010, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------